**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 26 – 10 ta' Diċembru 2009**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.00 ta' filgħaxija u saret Agenda 25.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Dr. Peter Micallef | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda membru tal-pubbliku preżenti. | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 23 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm dawn il-korrezzjonijiet;

1.1.1. Paġna 125, punt 5.1.2. l-aħħar sentenza tiżdied "u jsir ħlas għall-użu tas-servizz" sabiex is-sentenza taqra "Il-Kunsillier Ciantar spjega li huwa nforma lis-surmast li l-kunsill ma seta' jagħti l-ebda forma ta' għajnuna finanzjarja lill-iskola iżda minflok seta' jipprovdi xi materjal għax-xogħol involut u jsir ħlas għall-użu tas-servizz."

1.1.2. Paġna 128, punt 5.12. is-sentenza “Kien hemm qbil li għal dan il-meeting jiġi nfurmat il-perit tal-kunsill sabiex jattendi wkoll.” issir “Kien hemm qbil li għal dan il-meeting jiġi nfurmat il-kuntrattur tal-kunsill sabiex jattendi wkoll.”

1.1.3. Paġna 128, punt 5.16.1. titneħħa l-frażi “u ma jħallix lok għal suspetti u akkużi minn persuni esterni” sabiex is-sentenza taqra “Is-Sindku spjega li fix-xhur li ġejjin kien hemm numru kbir ta’ tenders ħerġin u l-kunsill kellu jiżgura li jagħmel l-aħjar għażliet bl-iktar mod trasparenti.”

1.1.4. Paġna 129 punt 5.16.3. tiżdied is-sentenza “Il-Kunsillier Rosario Cortis issuġġerixxa li dan il-kumitat jibqa magħmul minn 3 min-nies. Kien hemm qbil li l-kumitat ikun magħmul minn 5 min-nies.”

1.1.5. Paġna 130, Punt 6.4., il-frażi sqaq in-Niexef tinbidel u tiġi sqaq in-Niexxief.

1.1.6. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-minuti ta’ Agenda 23 jiġu approvati skond il-korrezzjonijiet li saru. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-Minuti ta’Agenda 23 ġew approvati (15).

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta’ Agenda 24 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm dawn il-korrezzjonijiet;

1.2.1. Paġna 132, fis-sentenza “Is-segretarju rringrazzja lis-sindku u l-kunsilliera, kif ukoll dawk il-kunsilliera li attendew għall-funeral.” jiżdiedu l-ismijiet tal-Kunsilliera li attendew għall-funeral sabiex is-sentenza taqra “Is-segretarju rringrazzja lis-sindku u l-kunsilliera, kif ukoll lill-kunsilliera Joe Ciantar u Rosario Cortis li attendew għall-funeral.”

1.2.2. Is-Sindku Alfred Grixti talab li l-minuti ta’ Agenda 24 jiġu approvati skond il-korrezzjonijiet li saru. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Joe Ciantar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ta' Agenda 24 ġew approvati (16).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier George Cortis għamel referenza għall-minuti u nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Rosario Cortis u l-kuntrattur Raymond Calleja marru fl-isqaq tal-lunzjata u qablu fuq dak li kellu jsir. Il-Kunsillier Rosario Cortis spjega lill-Kunsill ix-xogħol meħtieġ u kien hemm qbil li jintalbu stimi lill-kuntrattur.

2.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis għamel referenza għall-floodlights ta' Santa Marija u spjega li għalkemm ma marx fuq il-post mal-Kunsillier George Cortis, huwa mar fuq il-post u dan ta' l-aħħar kellu raġun u kien hemm bżonn li jsir forma ta' lqugħ bil-ġebel sabiex jitneħħa l-periklu.

2.3. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill li hekk kif miftiehem fl-aħħar laqgħat tal-Kunsill huwa ħa ħsieb li jġib kwotazzjoni mingħand ir-Riviera għall-ikla tal-Milied u kien għadda l-materjal lis-Segretarju.

2.4. Il-Kunsillier George Cortis ġiebed l-attenzjoni għal sleeping policeman tat-tarmac f' Main street. Huwa spjega li din kienet l-unika waħda bit-tarmac u talab li din tinqala. Kien hemm qbil dwar dan.

2.5. Il-Kunsillier Mario Borg daħal għal-laqgħa fis-6.25pm.

2.6. Il-Kunsillier Joe Ciantar għamel referenza għall-punt 5.16.5. ta' agenda 23, u talab li jkun jaf jekk ġewx ippublikati t-terms of reference tal-kumitat tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tenders. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li dan il-kumitat kien diġa ltaqa' u bħala l-ewwel biċċa xogħol kellu l-evalwazzjoni tat-tender tat-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku kompla jgħid li jinsab tassew sodisfatt bil-mod kif bdiet il-ħidma ta' dan il-kumitat. Is-segretarju eżekuttiv spjega li fl-ewwel laqgħa ta' dan il-kumitat huwa qassam kopja lill-membri tal-proċeduri tal-offerti hekk kif regolati mill-att dwar il-kunsilli lokali u l-kumitat kellu juża lilhom bħala terms of reference.

2.7. Il-Kunsillier Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li għalkemm saret ħidma estensiva dwar il-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ xorta waħda il-Kunsill kien għad fadallu jsib persuna oħra sabiex dan il-proġett ikun jista'

jsir. Il-Kunsillier Bartolo ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jekk ikunu jafu b' xi ħadd interessat li jipparteċipa jagħmlu kuntatt miegħu.

2.8.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-jiem ta' qabel, hu flimkien mal-Viċi Sindku u s-segretarju kellhom laqgħat mal-amministrazzjoni tal-iskejjel. Huwa spjega li ltaqa' mal-kap tal-iskola tal-Primarja Ms Cuschieri u mal-kap tal-iskola sekondarja Mr. Aquilina. Matul il-laqgħa mal-amministrazzjoni tal-iskola sekondarja ġie diskuss l-użu tas-sala, l-kiri tal-laboratorju tal-kompjuter u l-mod kif il-Kunsill jista jgħin lill-iskola. Ġew diskussi wkoll numru ta' wegħdiet li saru fil-passat u li ma kienux ġew onorati mill-Kunsill. Is-Sindku spjega li huwa offra lis-surmast li l-Kunsill iħallas is-somma ta' €100 għal kull darba li tintuża s-sala. Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal kif marret din il-laqgħa u qal li jemmen li kien hemm bażi ta' relazzjoni tajba ħafna bejn iż-żewġ naħat.

2.8.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar nforma lill-Kunsill li fid-dawl ta' din il-laqgħa huwa rċieva kummenti posittivi min-naħa tal-assistenti kapijiet tal-skola sekondarja, Mr. Vassallo u Ms. Bezzina li apprezzaw tassew ir-rieda tajba tal-Kunsill. Il-Kunsillier Ciantar spjega li fil-jiem ta' qabel intalab naqra żebgħa mill-iskola u kien talab lill-iskola tagħmel kuntatt mas-segretarju. Is-segretarju wieġeb li l-kuntatt kien sar u l-għajnuna mitluba ngħatat.

2.9. Il-Kunsillier Emanuel Agius daħal għal-laqgħa fis-6.35pm.

2.10.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-minuti u d-diskussjoni dwar il-kumitat tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tenders. Il-Kunsillier Mario Borg staqsa kif kellha tkun il-komposizzjoni ta' dan il-kumitat u x' inhuwa eżatt xogħlu. Is-Sindku wieġeb li din tkun tixbaħ lill-*Public Accounts Committee* tal-Parlament (PAC) fejn huwa rifless il-bilanċ politiku li hemm fil-Kamra, jiġifieri li n-naħa tal-Gvern minkejja li ma għandhiex Chairman xorta għandha maġġoranza fil-PAC għax qegħdin 3 tal-Oppoizzjoni u 4 min-naħa tal-Gvern. Is-Sindku kompla jispjega li xogħol dan il-Kumitat ikun li, bħall-PAC jissorvelja li jsir l-aħjar użu tal-flus pubbliċi u dan skont il-parametri tar-regolamenti finanzjarji tal-Gvern li japplikaw għall-Kunsilli Lokali wkoll. Wara din l-ispjegazzjoni, is-Sindku Alfred Grixti talab li jittieħed vot formali sabiex il-Kunsill japprova li dan il-kumitat ikun magħmul minn 5 persuni u mhux 3. Huwa ġie ssekondat mill-Viċi Sindku Domenic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Rosario Cortis.

Il-Kunsill approva li l-kumitat tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tenders ikun magħmul minn 5 persuni (17).

2.10.2. Is-Sindku Alfred Grixti talab lill-Kunsilliera sabiex hekk kif miftiehem fl-aħħar laqgħa jressqu l-ismijiet ta' persuni li jaħsbu jistaw jiffurmaw parti minn dan il-kumitat.

2.10.3. Il-Kunsillier Mario Borg ippropona lis-sur Philip Micallef li kien jaħdem l-Air Malta u s-sinjorina Phyllis Bezzina li kienet għada kif iggradwat bħala avukat. Fuq talba tal-kunsillier Rosario Cortis, il-kunsillier Mario Borg ta naqra nformazzjoni dwar l-esperjenza taż-żewġ persuni li kien qiegħed jipproponi.

2.10.4. Il-Kunsillier Domenic Cutajar ippropona lill-ex kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf jekk is-sinjura Vassallo La Rosa kienitx diġa ġiet avviċinata dwar din il-possibilta. Il-Viċi Sindku wieġeb li huwa kien kellimha personalment.

2.10.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li l-Kunsill għandu jaħseb fl-eventwalità li l-Kunsillier Peter Micallef ikun elett fil-parlament u konsegwenza ta' dan Philip Said jiġi elett fil-kunsill bir-riżultat li l-Kunsill irid jerġa jsib persuna oħra għal dan il-kumitat.

2.10.6. Il-Kunsillier Mario Borg qal li huwa avviċina lis-sur Ray Cutajar li huwa kap tal-iskola għal dan il-kumitat.

2.10.7. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li xtaq iktar informazzjoni dwar il-persuni proposti mill-Kunsillier Borg ħalli jkun jista jieħu l-aħjar deċiżjoni.

2.10.8. Kien hemm diskussjoni bejn il-kunsilliera dwar min fost it-tlett persuni proposti kellhom jiġu appuntati f' dan il-kumitat. Billi d-diskussjoni twalet, il-Kunsillier Rosario Cortis issuġġerrixxa lill-Kunsilliera Mario Borg u George Cortis li tiġi sospiża l-laqgħa ħalli jmorru jiddeliberaw bejniethom u jifthemu dwar min miż-żewġ persuni proposti mill-Kunsillier Borg għandu jkun nominat fuq il-Kumitat ghall-Evalwazzjoni u Aggudikazzjoni tat-Tenders ħalli, kif spejgat aktar qabel, dan il-kumitat waqt li jservi bħala għodda li tissalvagwardja t-trasparenza xorta tirrispetta l-bilanc politiku fil-Kunsill.

Dan is-suggeriment ma ġiex aċċettat. Il-Kunsillier Joe Ciantar issuġġerixxa li sabiex tissolva s-sitwazzjoni apparti ż-żewġ persuni għall-kumitat tiġi appuntata persuna oħra li tingħata l-istatus ta' osservatur bi dritt li tipparteċipa fid-diskussjoni iżda mingħajr dritt ta' vot.

2.10.9. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex fil-kumitat tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tenders, bħala żewġ membri effettivi jiġu appuntati s-sur Philip Micallef u s-sinjura Mary Vassallo La Rosa u li Dr. Phyllis Bezzina tkun membru sostitut u osservatur attiv, iżda mingħajr dritt għal-vot. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis u Rosario Cortis.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata. (18)

2.11.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li fix-xhur li għaddew kienu nbdew diskussjonijiet dwar traffic management f' Ħaż-Żebbuġ. Kemm il-darba ġie diskuss l-infurzar fil-pjazza permezz tal-cameras u għalhekk kien hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni darba għal dejjem dwar dan. Is-Sindku Alfred Grixti talab sospensjoni tal-agenda sabiex il-Kunsill jaqa' fi stadju ta' kumitat sabiex l-Uffiċjal Awtorizzat is-Sur Borg Caruana jispjega aħjar is-sistema tal-cameras. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat fis-7pm.

2.11.2. Il-laqgħa tkompliet fis-7.45pm.

2.11.3. Saret diskussjoni dwar is-suġġett. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li dan l-item jkun fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss tal-Kunsill bl-intenzjoni li tittieħed deċiżjoni dwaru. Kien hemm qbil dwar dan.

2.11.4. Il-Kunsillier Mario Borg informa lill-Kunsill li s-Segretarjat ħejja rapport dwar riforma fis-sistema tal-infurzar lokali. Kien hemm qbil li meta jiġi publikat dan ir-rapport jiġi diskuss fil-Kunsill.

2.12.1. Is-Sindku Alfred Grixti qassam fost il-Kunsilliera lista bid-deksateri hekk kif kien qiegħed jipproponihom hu.

2.12.2. Il-Kunsillier Mario Borg ikkummenta li huwa kien qiegħed jaċċetta d-dekasteri tiegħu b' sodisfazzjon u talab li jiġi nfurmat b' laqgħat rigwardanti

d-dekasteri tiegħu. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li huwa kien jemmen fi stil ta' tmexxija li ma joħnoqx l-inizjattivi personali, iżda talab li l-kunsilliera jżommu lilu u lis-segretarju nfurmati bil-ħidma tagħhom.

2.12.3. Il-Kunsillier George Cortis talab li l-Kunsillier Joe Ciantar jgħinu fid-dekasteru tiegħu filwaqt li xtaq li jkun involut f' affarijiet li għandhom x' jaqsmu mal-folklore. Is-Sindku wieġeb li l-folklore kien jaqa taħt id-dekasteru tiegħu u stieden lill-Kunsillier Cortis sabiex javviċinah bi kwalunkwe inizjattiva li tiġieh f' moħħu.

2.12.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex id-dekasteri jiġu approvati hekk kif preżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Joe Ciantar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis u Rosario Cortis.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata. (19)

2.13. Il-Viċi Sindku Domenic Cutajar informa lill-Kunsill li hu flimkien mal-Kunsilliera Emanuel Agius iltaqaw mal-kuntrattur tat-tiżjin tal-Milied. Il-Kunsillier Rosario Cortis attenda wkoll għal din il-laqgħa bħala osservatur. Il-Viċi Sindku qal li ġie negozjat prezz ta' €6,500 bit-tnaqqis ta' żewġ stilel minn fost l-armar. Il-Viċi Sindku Cutajar spjega li dan l-ammont kien irħas minn dak ta' €6,700 li l-Kunsill ftiehem fuqu. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li din is-sena l-armar kien qiegħed isir ferm aħjar.

2.14. Il-Kunsillier Emanuel Agius informa lill-Kunsill li huwa kompla jaħdem fuq il-proposta tal-backlit Christmas decorations u kien jidher li dawn ħa jiġu irħas minn dak ippjanat. Il-Kunsillier Agius ġie mħeġġeġ ikompli jaħdem fuq din l-inijattiva.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressqet l-ebda korrispondenza għad-diskussjoni

## 4. TRAFFIC MANAGEMENT HAZ-ZEBBUG

4.1. Dan l-item ġie diskuss f' punt 2.11.

## 5. LIBRERIJA

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li hija xewqa tiegħu li l-Kunsill jaħdem serjament fuq l-idea ta' refurbishment tajjeb tal-librerija qabel ma din tiġi dedikata lil Dr Joe A Grima.

5.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar spjega li Ħaż-Żebbuġ kien l-ewwel Kunsill li ngħata d-devoluzzjoni tal-librerija. Huwa kompla jgħid li hemm diversi soluzzjonijiet sabiex il-librerija tissaqaf u tinqasam f' żewġ sulari fejn fis-sular ta' fuq issir referene section.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti semma li kien jinsab infurmat li l-uffiċju tal-posta li jinsab biswit il-librerija se jinxtara mill-lombard bank u l-kunsill seta jipprova jiddiskuti dwar xi għajnuna li dan il-bank seta jagħti f' dan il-proġett.

5.3. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Lombard Band fejn tintalab laqgħa, li l-Kunsillier Rosario Cortis jagħmel site inspection u jiċċekja l-pjanti tal-librerija, filwaqt li l-Kunsillier Mario Borg kellu jiċċekja fuq fondi apposta għal-libreriji.

## 6. MONTI

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fuq talba tal-Ispettur saret laqgħa dwar il-monti minħabba numru kbar ta' ilmenti li qed ikun hemm. Is-Sindku spjega li fuq deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti u fuq talba tal-ispettur stess se jibda jsir infurzar iktar strett fejn jidħlu permessi u regolamenti oħrajn.

6.2. Is-Sindku kompla jgħid li hemm numru ta' issues li l-Kunsill irid jaffronta fosthom; in-numru ta' ġranet tal-monti, il-post fejn jintrama l-monti u l-kobor tiegħu.

6.3. Il-Kunsillier Mario Borg informa lill-Kunsill li dwar is-suġġett il-Gvern kien qiegħed iħejji dokument u xi proposti ta' riforma. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill għandu jkollu pjan ta' azzjoni kemm fuq short term u kemm fuq long term minħabba li din kienet issue kumplessa u li tolqot diversi stakeholders differenti

6.4. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li għalissa l-Kunsill jibqa jinforza r-regoli eżistenti filwaqt li jistenna l-pubblikazzjoni tad-dokument tal-gvern.

## 7. IMMANIGJAR TAL-ISKART

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti talab l-opinjoni tal-Kunsilliera fuq il-preżentazzjonijiet tal-Greenpak u l-Green Mt li saru fil-laqgħa ta' agenda 23.

7.2. Il-Kunsillier George Cortis qal li hu fl-opinjoni tiegħu kien jagħżel lill-Green Mt.

7.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li jaqbel mal-Kunsillier George Cortis iżda xtaq li jieħu l-opinjoni ta' Kunsilli oħra.

7.4. Il-Kunsilliera Rosario Cortis, Joe Ciantar u Duncan Bartolo kollha qalu li fl-opinjoni tagħhom jaqblu li l-Greenpak joffru l-aħjar pakkett. Il-Viċi Sindku Domenic Cutajar qal li l-Greenpak jibbażaw ħafna fuq il-bżonn li r-residenti jiġu edukati dwar ir-riċiklaġġ u għalhekk jaqbel li l-Kunsill jidħol fi ftehim magħhom.

7.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li inizjalment kien jaħseb li l-Green Mt kellhom l-aħjar pakkett iżda qal li meta wieħed jifli sew l-offerta jinduna li l-Greenpak għandhom iżjed esperjenza fil-qasam, backing internazzjonali u enfażi ikbar fuq l-edukazzjoni tar-residenti. Mentri l-Green Mt huma ffukati biss fuq il-borża l-griża biss. Irid ikun hemm twemmin sħieħ fir-riċiklaġġ. Is-Sindku qal ukoll li l-Greenpak kienu se jipprovdu bins f' iktar siti mill-Green Mt.

7.6. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill b' inċident li ġara fil-ġranet tal-festa tal-Kunċizzjoni fejn il-kuntrattur attwali tal-Kunsill irċieva pressjoni mis-sur Joe Attard tal-GRTU sabiex l-Erbgħan 9 ta' Diċembru, 2009 ma jiġborx boroż ġriżi tal-iskart riċiklabli, li n-nies setaw joħorġu peress li ma kienitx il-ġurnata tal-ġbir tagħhom.

7.7. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jibda negozjati mal-Greenpak sabiex il-Kunsill iqabbad lilhom għal din l-iskema. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Domenic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Joe Ciantar, George Cortis u Rosario Cortis.

**Dawk Kontra;** Il-Kunsillier Emanuel Agius

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata. (20)

## 8. UPGRADING STAFF KLERIKALI

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-istaff klerikali tal-Kunsill skond il-liġi u l-ftehim kollettiv tagħhom waslu għal upgrade fl-iskala tagħhom. Is-Sindku ressaq mozzjoni biex din l-upgrade tingħata skond il-liġi. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Joe Ciantar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis u Rosario Cortis.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata. (21)

## 9. COMMUNICATIONS STRATEGY

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill li meta ħa l-kariga tiegħu flimkien mas-segretarju identifikaw oqsma fejn il-Kunsill jista jtejjeb il-ħidma tiegħu. Is-Sindku kompla jgħid li s-segretarju ġibed l-attenzjoni fuq nuqqa ta' strateġija ta' komunikazzjoni effettiva. Din l-istrateġija trid tkun maqsuma fuq żewġ oqsma, l-ewwel qasam jinkludi relazzjoni ma' Ministeri, Dipartimenti u varji entitajiet filwaqt li t-tieni qasam jinkludi promozzjoni ta' ħidma u attivitajiet tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li fejn jidħlu relazzjonijiet ma' Ministeri u entitajiet, din kienet se tkun waħda mill-prijoritajiet tiegħu filwaqt li fil-qasam l-ieħor huwa kien tal-idea li titqabbad kumpanija fil-qasam tar-relazzjonijiet pubbliċi.

9.2. Il-Kunsillier Mario Borg spjega li meta titqabbad kumpanija li taħdem f'dan is-settur l-informazzjoni xorta waħda trid tiġi ppreparata mill-Kunsill u l-ispiża tkun għolja.

9.3. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li għalissa l-Kunsill għandu jistenna l-ewwel okkażjoni fejn ikun hemm bżonn ta' PR u jara x' ikun hemm bżonn skond l-attivita'.

## 10. HWEJJEG OHRA

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li bi żvista ma ġiex inkluż il-vot tal-flus fuq l-aġenda tal-laqgħa iżda talab li skond deċiżjoni tal-Kunsill immexxi mill-preċedessur tiegħu jiġu approvati l-ħlasijiet kontrattwali. Kien hemm qbil dwar dan.

10.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjonijiet miġbura sabiex issir l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u staff. Il-Kunsilliera ddiskutew dwar il-kwotazzjonijet. Kien hemm qbil li s-Sindku jiddeċiedi hu fejn issir l-ikla.

10.3. Is-Sindku Alfred Grixti qassam skeda fost il-Kunsilliera bid-dati tal-laqgħat tal-Kunsill għas-sena 2010.

## 11. AGGORNAMENT

11.1 Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.50pm.





Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv